MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 889/2007

**Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Maged Attia (ID 305000 L)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta’ elfejn, seba’ mija, sebgha u tletin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€2,737.71), (gja LM 1,175.30) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib n-numru 21224034 (CN1067952) (AC10081374) skond diversi kontijiet mibghuta lilu u skond id-dokumenti annessi IZY1 u IZY2.

Illi l-konvenut gie nterpellata diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqgha nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqgha ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notfikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tal-10 ta' Lulju, 2008 mill-Avukat Ingrid Zammit Young.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghhu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------